MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Numru 203/2012

Il-Pulizija

Spettur Robert Said Sareo

vs

Kenneth Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 18189m akkuzat talli;

1. nhar it-22 ta’ Dicembru 2011 ghal habta tat-20:30hrs gewwa Triq Wied il-Ghajn Zabbar waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka Honda bin-numru ta’registrazzjoni BBR 336, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, habat ma vettura b’numru tar-registrazzjoni DBF 473 u involontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi

per durata lil Diane Pace ID 253783M hekk kif iccertifikat minn Dr Ernest Ellul M,D. ta' l-isptar Mater Dei;

2. talli fl-istess data, lok, hin waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka Honda bin-numru ta'registrazzjoni BBR 336, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habat ma vettura b'numru tar-registrazzjoni BBT 139 u involontarjament ikkawza hsara fuq din l-istess vettura ghad-detriment ta' Philip Agius ID 129849M u/jew xi persuni ohra;
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u perikoluza;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jirrigwardaw incident awtomobilistiku fil-waqt li kien qed isuq vettura numru ta' registrazzjoni BBR 336 u involontarjament ikkawza griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Diane Pace meta habat l-vettura misjuqa minnhu ma' vettura numru ta' registrazzjoni DBF 473 u fl-istess kollizjoni ikkawza hsara involontarja lill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 139 b'dannu ghal certu Peter Agius.

Fil-konfront tal-midruba Diane Pace t-tabib li immedikha fid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei xehed li hija kienet illmentat minn ugiegh f'sidirha u irriskontralha nefha f'nofs ta' darha. Ic-certifikat mediku tieghu jinsab esebit folio 12. Minn ezamijiet ulterjuri irrizulta li sofriet ukoll minn ksur tas-seba, it-tmienja u d-disa kustilja. Ic-certifikat mediku relattiv esebit fol.41. L-imsemmija Diane Pace stqarret li l-isptar inzammet ghal tlett tijiem wara liema giet rilaxxjata. Il-perjodu ta' konvalexxenza ossija kemm dam biex fieq il-ksur lanqas ic-certifikat mediku l-ahhar imsemmi ma jaghmel referenza ghalih. Il-Qorti tista' biss tippresumi li trattandosi ta' ksur kien irrikjedi aktar minn tletin gurnata. Ta' dan pero' kif intqal m'hemmx il-prova.

Dwar kif gara l-incident in kwistjoni ghandu jirrisulta wisq car illi l-kawza tieghu kienet t-telf minn naha tal-imputat tal-kontroll tal-vettura misjuqa minnhu, cjoe', il-vettura numru ta' registrazzjoni BBR336. Ix-xhieda in propositu jistqarrew li meta l-imputat tilef il-kontroll hu baqa diehel f'van numru ta' registrazzjoni BBT 139 fuq il-parti ta' quddiem tieghu u ikkagunalu hsara tali li ma kienx vjabbli jissewwa. Jirrisulta wkoll u mhux semplicement mill-iskizz li sar minn Ps329 (fol.39) li l-vettura misjuqa mill-imputat halliet 'brake marks' ta' disa metri.

Skond il-midruba fil-hin meta gara l-incident hi kienet passigiera fil-vettura misjuqa mill-imputat (l-imputat u hi kienu hawnhekk gharajjes), kienet tqila, pero' ma sofriet ebda konsegwenzi minhabba

l-incident. Ziedet qalet li l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' massimu sebghajn kilometru fis-siegha.

Skond xhieda relatata mal-incident senjatament dik tal-ufficjal prosekutur il-vettura misjuqa mill-imputat fil-hin tal-incident kienet qed tinstaq b'rota wahda taghha ta' skorta ossija 'spare wheel'.

Minn dawn il-fatti l-Qorti tafferma li konsiderat li wahda mir-roti kienet ta' skorta l-velocita' li biha kien qed isuq l-imputat, anka jekk fil-limiti konsentiti, kienet eccessiva. Hi l-fehma taghha pero' li s-sewqan 'per se' la kien wiehed traskurat u wisq anqas perikoluz semmai jista' talvolta jigi identifikat f'sewqan bla kont b'daqstant pero' li mhiex tal-fehma li huwa sanzjonabli b'skwalifika tal-licenzji tas-sewqan.

Inghad dan, qeghdha ghaldaqstant issib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza. Rat l-Artikolu 226, 325 u 17 tal-Kap 9. Tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------